Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

ŻEBBUĠ

# MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA` 2010

Din il-laqgħa annwali tal-lokalita` nżammet l-Erbgħa, 3 ta' Marzu 2010 fis-6.30 ta' filgħaxija fil-bini tal-Kunsill Lokali.

PREŻENTI GĦALL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

- Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku
- Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier
- Is-Sur Victor Refalo - Kunsillier
- Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.

Żewġ residenti mill-pubbliku

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Resident tkellem dwar il-manutenzjoni ta' Triq iż-Żebbuġ priċipalment quddiem l-*area* ta' l-i*skips*.

L-istess resident tkellem dwar l-istat ta' Triq iċ-Ċnus. Is-Sindku qal Triq iċ-Ċnus kien għadha ma saritx minħabba problemi li kien hemm u qal kif il-kuntrattur ilesti t-toroq li għandu Marsalforn, ser jibda Triq iċ-Ċnus u Triq tal-Konti.

Semma wkoll it-tiswija ta' Triq Ta' Kuljat u t-Triq Ta' Dun Wistin. Fir-rigward ta' Triq Ta' Dun Wistin, is-Sindku ssuġġerixxa li jitħalleb il-ġebel li bih hu ffurmat il-passaġġ.

Tkellem ukoll dwar Triq ix-Xwejni, it-triq tas-salini u qal li hemm bżonn li tingħata manutenzjoni.

Residenta oħra tkellmet dwar ilment li kienet ressqet quddiem il-Kunsill fir-rigward tax-xogħol ta' tarmak li sar quddiem ir-residenza Shalom fi Triq Għajn Mhelhel.

Resident qal li s-siġar ta' l-akaċja li hemm fuq ix-xeltrijiet fi Triq iż-Żebbuġ għandhom bżonn ta' żabra.

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***